MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta ta' l-24 ta' Lulju, 2011

Numru. 841/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Spiridione Zammit)**
**(Spettur Fabian Fleri)**

**vs**

**Giorgio Marino ta’ 49 sena bin Carlo u Antonina nee` Marino imwieled Trapani fil-25 ta’ Lulju 1961 joqghod St. Joseph Hse Triq ix-Xghajra Haz-Zabbar detentur tal-karta ta’ l-identita` b’numru 8520A**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba fil-konfront tal-imputat Giorgio Marino li gie akkuza:

1. Talli fit-23 ta’ Lulju 2011 ghal habta ta’ 5.15pm, u hinijiet wara fi Triq Sir Temi Zammit Hal-Tarxien u Misrah San Gakbu Haz-Zabbar u f’dawn il-gzejjer ikkaguna biza’ lil Charmaine Liam inn Hal-Tarxien li ser tintuza vjolenza

kontriha jew kontra l-propjeta taghha jew kontra l-persuna ta’ xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti, ahwa subien jew bniet jew xi persuni ohra.

2. U aktar talli, fl-istess zminijiet u cirkostanzi bl-imgieba tieghu gab ruhu b’mod lit a fastidju lil Charmaine Lia b’mod li kien jaf jew imissu kien jaf lid an kien ta’ fastidju ghal Charmaine.

3. U aktar talli fl-istess zminijiet u cirkustanzi f’Hal-Traxien, Haz-Zabbar, u f’dawn il-gzejjer hedded bil-fomm lill-istess Charmaine Lia b’delitt.

4. U aktar akkuzat talli fl-istess data u hinijiet gewwa Sir Temi Zammit Hal-Tarxien hebb kontra Charmaine Lia minn Hal-Tarxien sabiex jingurjaha jew jaghmlilha hsara kemm il-darba l-fatt ma jkunx jaqa’ taht xi dispozizzjoni ohra tal-Kodici Kriminali ta’ Malta.

5. U aktar talli fl-istess data gewwa Haz-Zabbar bla ordni skond il-Ligi ta’ Awtorita Kompetenti, u barra l-kazijiet li fihom il-Ligi taghti s-setgha lill-provat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil Charmaine Lia minn Hal-Tarxien liema delitt sar bil-hsieb li Charmaine tibqa’ hdejh.

6. U aktar talli fl-istess data f’xi hin wara l-5.15pm gewwa Misrah San Gakbu Haz-Zabbar, minghajr ma darab, jew sawwat qabad armi cioe` (zewg turnaviti) kontra Charmaine Liam inn Hal-Tarxien.

7. U aktar talli fl-istess data u hinijiet wara l-5.15pm f'hal-Tarxien u f'dawn il-gzejjer saq vettura tal-ghamla Fiat numru tar-registrazzjoni CAF541 b'giri aktar milli jmissu.

8. U aktar talli fl-istess cirkostanzi saq l-imsemmija b'manjiera traskurata u perikoluza.

9. U akkuzat ukoll talli f'xi xhur qabel it-23 ta' Lulju 2011 volontarjament hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe` ghamel hsara fuq vettura JAG357 ghad-dannu ta' Charmaine Lia minn Hal-Tarxien liema hsara ma tiskorrix 1164.69 Euros imma izjed minn 116.47 Euros.

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat il-kunses tal-Avukat Generali sabiex din il-kawza tigi trattata bil-procedura sommarja;

Semghet l-ammissjoni maghmulha mill-imputat liema ammissjoni giet rijaffermata wara li l-imputat inghata zmien xieraq sabiex jirrikonsidra l-istess;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl tal-ammisjoni maghmulha mill-imputat l-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputat hati tal-akkuza migjuba fil-konfront tieghu.

Illi meta tigi biex tqis il-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputat u l-fatt illi l-imputat iddispjacieh ghal dak li ghamel u iddikjara li lest li ihallas id-danni li sofriet il-parte leza u lest li jintrabat biex bl-ebda mod ma javvicina lill-istess Charmaine Lia.

Inoltre billimi c-cirkostanzi tal-kaz jidher illi s-sewqan tal-imputat ma kienx wiehed perikoluz hafna l-Qorti mhix ser tghaddi ghall-iskwalifika tal-licenjza tas-sewqan.

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat l-artikoli 18, 251B(1), 251A(1)(a)(b), 339(b)(d)(e), 325(b) u 17h tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikoli 15 u 32 tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta u Regolament 127 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.11 issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghall-perjodu ta' tminn (8) xhur prigunerija izda fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni tal-artikolu 26A tal-Kapitolu 9 tal-Ligjiet ta' Malta dan il-perjodu ta' prigunerija qed jigi sospiz ghal zmien tlett (3) snin mil-lum.

Il-Qorti qed twissi lill-hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

Il-Qorti qed tordna wkoll il-hrug ta' Ordni ta' Protezzjoni a tenur tal-artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta fil-konfront tal-hati u dan ghal zmien tlett (3) snin mil-lum b'dana illi l-imputat m'ghandu bl-ebda mod javvicina jew idejjaq lil Charmaine Lia.

Il-Qorti wara li rat l-artikolu 28H tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed tordna lil hati ihallas lil parte leza Charmaine Lia s-somam ta' disghin euro (€90) u dana fi zmien sitt (6) xhur mil-lum.

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza flimkien mal-atti tintbaghat lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------